MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 699/2008/1

**Emmanuel Vella pensjonant bin il-mejjet Carmelo u Mona nee` Abela flimkien ma` martu Maria Dolores Vella, bint Vincent Croker u Matilde nee` Caruana mwielda Birzebbuga u residenti l-Mosta**

**vs**

**Adelina Sacco mart Carmelo minnu legalment separata bint il-mejjet 'Joseph Stafrace u Maria nee` Gauci mwielda Suez l-Egittu u residenti l-Pieta`**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti odjerni qed jitolbu il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni biex jikkawtelaw debitu fil-konfront tal-intimata.

Ikkunsidrat illi l-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat hija ta` €45,000.

Il-proprjetajiet mertu ta` dan il-mandat komplessivament huma stmati li jiswew €236,000.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka parzjalment id-digriet taghha tad-9 ta` Mejju, 2008 fis-sens illi tilqa` t-talba definittivament biss in kwantu ikun milqut bil-mandat ta` inibizzjoni il-fond ground floor maisonette 136, Reid Street, Gzira.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------